MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 475/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Ali Ibrahim Eldessouki**

Illum 16 ta' Gujnu, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ali Ibrahim Eldessouki, iben Ibrahim u Amilsad nee` Badr, imwieled l-Egittu nhar il-15 ta' Jannar, 1975 u residenti 17, Triq il-Borg, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 19505A.

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu, 2008:

Ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond b'l-isem ta' Valparisio, numru 36, Triq il-Habbiez, Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-hin u bil-mezz ghad-dannu ta' Brian Joseph Mangion.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza hsarat volontarji, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' l-istess Brian Joseph Mangion, liema hsarat huma ta' anqas minn €116.47 (hamsin lira maltija).

U talli sar ricediv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D., datata 2 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba biex sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma llum 16 ta' Gunju 2008 meta l-prosekuzzjoni rtirat t-tielet imputazzjoni.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 325(1)(c), u 337(2)(b)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet; dawn huma ghalhekk sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fatt li huwa rritorna hafna mir-rifurtiva, kif ukoll l-fedina penali tieghu li ghakemm mhiex netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 325(1)(c), u 337(2)(b)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni ta' *probation* mghoti kontestwalment inkluz li jhallas lill-parte leza Brian Joseph Mangion is-somma ta' mitt Euro (Euro100) fi zmien tlett (3) xhur mill-llum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet irtirata.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin u jekk ma jsegwiex l-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------